

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-305/08) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 530/2008 — Irkupru tal-istokkijiet ta' tonn āħmar — Iffissar tal-Qabdiet Totali Permessibbli għall-2008 — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2012/C 109/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: F. Arena, avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks u D. Nardi, aġenti)

Suġġett

Talba għal annullament tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Meditarran (ĠU L 155, p. 9).

Dispożittiv

- (1) Ma għadix hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 272, 25.10.2008.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — Grasso vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-319/08) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 530/2008 — Irkupru ta' tonn — Iffissar ta' TAC għall-2008 — Att ta' portata ġenerali — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")

(2012/C 109/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Salvatore Grasso (Catania, l-Italja) (rappreżentanti: A. Maiorana, A. De Matteis u A. De Francesco, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks u D. Nardi, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Meditarran (ĠU L 155, p. 9).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 272, 25.10.2008

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — AJD Tuna vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-329/08) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 530/2008 — Irkupru tal-istokkijiet tat-tonn — Iffissar tat-TAC għas-sena 2008 — Att ta' portata ġenerali — Nuqqas ta' effett individwali — Inammissibbiltà")

(2012/C 109/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: AJD Tuna Ltd (San Pawl il-Baħar, Malta) (rappreżentanti: J. Refalo, R. Mastroianni u M. Annoni, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Banks u D. Nardi, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Meditarran (ĠU L 155, p. 9).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) AJD Tuna Ltd għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 272, 25.10.2008.